**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA SEKONDARJA 2008**
DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv

**IT-TIENI SENA** **RELIĠJON** **Ħin: Siegħa u nofs**

**Isem:** ________________________________ **Klassi:** ________________

**Taqsima A** Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba. **(10 x 2 = 20 marka)**

1. Is-suċċessuri ta' l-Appostli huma (l-Papa u l-isqfijiet, l-lajċi li qegħdin fl-għaqdiet).
2. Il-ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli inkiteb minn (San Mark, San Luqa).
3. (San Pietru, San Pawl) ġab il-fidi f'Ġesù f'Malta.
4. Il-festa ta' meta Ġesù qam mill-mewt insejħulha (l-Għid, il-Pentekoste).
5. Id-Dar tal-Providenza tilqa' fiha (persuni drogati, persuni bi bżonnijiet speċjali).
6. (Is-Salm Responsorjali, il-Missierna) hija t-talba li biha aħna nuru l-għaqda tagħna bħala familja waħda u wlied ta' l-istess Missier.
7. San Pawl xebbah 'il-Knisja ta' Kristu (mal-ġisem tal-bniedem, ma' membri fis-soċjetà).
8. Ix-xogħol tad-Djakni fil-bidu tal-Knisja kien (li jmexxu, li jqassmu l-karità).
9. (San Tumas, San Mark) wassal l-Evanġelju sa l-Indja.
10. (San Franġisk t'Assisi, San Franġisk Saverju) huwa wieħed mill-ikbar missjunarji ta' kull żmien.

**Taqsima B** Għid f'liema parti tal-quddiesa. **(10 x 2 = 20 marka)**

1. nitolbu maħfra lil Alla: ________________________________
2. nisimgħu 'l Alla jkellimna: ________________________________
3. nisimgħu silta mit-tagħlim ta' Ġesù: ________________________
4. is-saċerdot jispjega t-tagħlim ta' Ġesù: ______________________
5. nistqarru l-fidi tagħna bħala nsara: ________________________
6. nitolbu l-ħtiġijiet tagħna u tal-proxxmu lil Alla: ________________
7. noffru l-offerti tagħna lil Alla: ____________________________



8. ngħidu t-talba li għallimna Ġesù: ________________________________________

9. nuru sinjal li aħna paċi ma' xulxin: ________________________________________

10. nirċievu l-ġisem ta' Ġesù: ________________________________________

**Taqsima Ċ** Semmi: **(10 marki)**

1. **żewġ** attivitajiet (xogħlijiet) reliġjużi li tista' tagħmel int fil-parroċċa.

________________________________________ (2)

2. **żewġ** għaqdiet reliġjużi fil-parroċċa tiegħek.

________________________________________ (2)

3. **żewġ** beati Maltin.

________________________________________ (2)

4. **żewġ** ordnijiet reliġjużi (tas-sorijiet) li jieħdu ħsieb it-tfal bi problemi fil-familja.

________________________________________ (2)

5. saċerdot Malti li għamel xogħol ma' nies bi bżonnijiet speċjali.

________________________________________ (1)

6. organizzazzjoni tal-Knisja li tieħu ħsieb id-drogati.

________________________________________ (1)

**Taqsima D** Aqra din il-parabbola u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwarha. **(22 marka)**



**Il-parabbola tas-Samaritan it-Tajjeb**

"Wieħed raġel kien nieżel Ġeriko minn Ġerusalemm u waqa' f'idejn il-ħallelin; dawn neżżgħuh, biċċruh bis-swat u telqu, u ħallewh nofsu mejjet. Inzerta kien nieżel qassis minn dik it-triq u rah, għadda minn mal-ġenb u baqa' sejjer. Hekk ukoll wieħed Levita, meta wasal hemm u rah, għadda minn mal-ġenb u baqa' sejjer. Imma kien għaddej minn hemm wieħed Samaritan, wasal ħdejh, rah u tħassru. Resaq lejh, dewwielu l-ġrieħi biż-żejt u l-inbid u rabathomlu; imbagħad tellgħu fuq il-bhima tiegħu, wasslu f'lukanda u ħa ħsiebu. L-għada ħareġ biċċtejn flus, tahom lil tal-lukanda u qallu, 'Ħu ħsiebu; jekk tonfoq xi ħaġa iżjed, irroddhielek jien meta nerġa' ngħaddi."

“Minn dawn it-tlieta, int min jidhirlek li ġab ruħu ta’ proxxmu ma’ dak li waqa’ f’idejn il-ħallelin?”

“Min ħenn għalih, ” wieġbu l-għaref tal-Liġi.

“Mur, ” qallu Ġesù, “u agħmel hekk int ukoll.”

(Luqa 10, 30-37)

**Wieġeb:**

1. Fejn kien sejjer ir-raġel li safa vittma tal-ħallelin?

_______________________________________________ (2)

2. X’għamlulu l-ħallellin?

_______________________________________________ (2)

3. Min għadda l-ewwel u ra lill-ferut?



_______________________________________________ (2)

4. Min kien it-tieni bniedem li ra lill-ferut?

_______________________________________________ (2)

5. Min għenu?

_______________________________________________ (2)

6. Kif għenu?

_______________________________________________ (2)

7. X’wiegħed li ser jagħmel iżjed meta kien se jerġa’ jgħaddi minn hemm?

_______________________________________________ (2)

8. X’ried jgħallem Ġesù lin-nies ta’ żmienu b’din il-parabbola?

_______________________________________________ (3)

9. X’inhi ‘parabbola’?

_______________________________________________ (2)

10. X’tista’ tagħmel int f’ħajtek biex timxi skond it-tagħlim ta’ Ġesù?

_______________________________________________

_______________________________________________ (3)

**Taqsima E** **(4 x 2 = 8 marki)**

Fisser dawn is-siltiet mill-Bibbja:

1. "Is-setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar". *(Lq 1, 49)*

_______________________________________________

_______________________________________________

2. "Troddu lil ħadd deni b'deni … Tivvendikawx ruħkom b'idejkom". *(Rum 12, 21)*

_______________________________________________

_______________________________________________

3. "Missier, aħfrilhom għax ma jafux x'inhuma jagħmlu". *(Lq 23, 34)*



_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

4. "Jiena hu t-Triq, il-Verità u l-Ħajja". *(Ġw 14, 6)*

_______________________________________________

_______________________________________________

**Taqsima F** **(2 x 10 = 20 marka)**

Wieġeb dawn **iż-żewġ** mistoqsijiet, 1 u 2:

1. Ikteb dwar ix-xogħol li għamlu:

   (a) Madre Tereża (Ikteb **madwar 30 kelma**) (5 marki)

   (b) Mons Mikiel Azzopardi (Ikteb **madwar 30 kelma**) (5 marki)

2. Għid kif int tista' tkun ta' għajnuna għal ħaddieħor fid-dar u fl-iskola fuq l-eżempju ta' dawn iż-żewġ persuni (Madre Tereża u Monsinjur Mikiel Azzopardi). Ikteb **madwar 50 kelma**.

   (10 marki)